MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 93/2007

Kawza fil-lista: 44

**A B nee' C**
**vs**
**L-Avukat Dottor Chris Cilia[1] u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer[2] kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw lill-assenti D E F; u G B; u l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri F F; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

---

[1] Nominat b' digriet tas-16 ta' Marzu 2008
[2] Nominata b' digriet tal-20 ta' Frar 2008 [fol.114]

1. Illi fis-(sittax) 16 ta' Novembru, elfejn u tnejn (2002), l-esponenti kellha tarbija, li semmiet F (certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. A);

2. Illi fic-certifikat tat-twelid taghha, li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 4589/2002, jirrizulta illi l-missier ta' F huwa D E F li kien jigi r-ragel ta' l-esponenti, u dan peress illi fiz-zmien meta twieldet il-minuri, l-esponenti kienet ghadha ma ghotjeniex l-annullament, u dan peress illi ai termini ta' l-Artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-ligi tipprezumi illi l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu.

3. Illi l-intimat F ma jkun il-missier ta' din il-minuri, u and peress illi huwa kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' l-esponenti, stante illi fiz-zmien meta l-esponenti harget tqila bit-tarbija, l-intimat F kien jinsab il-habs. Infatti anke fil-perjodu qabel ma kien il-habs, l-intimat kien ilu madwar erba' snin ma jghix ma' l-esponenti. Infatti, l-intimat D E F kien meqjuz bhala nieqes jew assenti minn dawn il-gzejjer, ghax kien mahrub tant li l-esponenti lanqas biss kienet taf fejn jinsab u cioe' jekk kienx gewwa Malta jew barra minn dawn il-gzejjer. Infatti z-zwieg taghha gie dikjarat null, ukoll a bazi ta' dan il-fatt, skond sentenza ta' l-Onorabbli Qorti Prim' Awla, Sede Civili datata tletin (30) ta' Ottubru, elfejn u tlieta (2003) fl-ismijiet A F vs Dr. Chris Cilia et noe (Citazz Nru: 768/01) (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B).

4. Illi l-minuri hija l-wild naturali ta' G B, llum ir-ragel ta' l-espoenti permezz ta' zwieg celebrat fir-Registru Pubbliku fl-ewwel (1) ta' Lulju, elfejn u hamsa (2005), wkoll mharrek bhala intimat fil-kawza odjerna. Infatti saret anke ittra ufficjali minn l-istess G B, fejn dan innotifika lil A C [recte: B, u infurmaha formalemnt li huwa ghandu l-intenzjoni jirrikonoxxi lill-minuri F F, bhala bintu u dan ai termini ta' l-Artikolu ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, liema ittra hija datata sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru 2006. L-istess A B, irrispondiet ghall-istess, b' ittra ufficjali datata tnejn (2) ta' Novembru, 2006, billi qablet illi missier il-minuri huwa

hu. (ittri ufficjali hawn annessi u mmarkata bhala Dok. C1 u Dok. C2 rispettivament);

5. Illi l-istess G B, ghandu jkun maghruf bhala missier il-minuri, u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri ghandu jirrifletti dan bid-debita korrezzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment u bir-rispett titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-minuri F, li twieldet fis-sittax (16) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002), mhux bint D E F kif indiakt fl-anness certifikat;

2. Inoltre, tiddikjara wkoll illi l-missier huwa l-intimat G B;

3. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel id-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-minuri F, liema certifikat igib in-numru ta' iskrizzjoni 4589/2002, fis-sens illi isem il-missier it-tarbija li huwa indikat bhala D E F, u l-konnotati kollha tieghu, jigu kancellati u minflok jitnizzlu l-kliem 'G B'.

4. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrispondiet li :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-Rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn ir-rikorrenti A B u l-intimat D E F;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi jekk t-talbiet attrici jintlaqghu, l-kliem "the said" jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika t-taghrif dwar l-omm fl-Att tat-Twelid in kwistjoni;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li l-intimat G B jispecifika d-dettalji tieghu u cioe' in-numru tad-dokument ta' l-identita', l-eta', l-post fejn twieled u fejn joqghod u isem u kunjom missieru u jekk missieru ghadux haj jew mejjet, sabiex jekk it-talbiet jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu nseriti fl-Att;

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-minuri, li biha eccepew :

Illi ma jafu xejn dwar il-fatti tal-kawza izda fi kwalunkwe kaz jidher li l-kawza ma tistax triegi billi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba r-rikorrenti – l-omm – ghandha tkun intimata, filwaqt li t-tieni talba tmiss biss lil minuri F F, li hija intimata.

Illi fi kwalunkwe kaz jidher li l-ewwel talba hija preskritta a tenur ta' l-art. 73 tal-Kap. 16.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-assenti, li biha rrispondew :

1. Illi preliminarjament kellha tigi nominata wkoll bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-assenti D E F l-prokuratrici legali Hilda Ellul Mercer.

2. Illi l-eccipjent m' huwiex edott mill-fatti u jirriserva d-dritt li jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri wara li jkun ikkomunika mal-assenti.

3. Illi f'kull kaz jehtieg li jsiru l-ezamijiet xjentifici mehtiega sabiex tigi eskluza l-paternita' tal-assenti u

konfermata l-paternita' tal-konvenut G B kif qed jigi mitlub b' dawn il-proceduri.

4. Illi l-ispejjez kollha ghandhom jigu allokati lill-attrici.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2007, li permezz tieghu l-konvenut G B "ammetta t-talbiet attrici";

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond l-artikolu 254 tal-Kap.16 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza,

Rat li l-kawza giet differita ghad-data tal-lum ghas-sentenza parzjali fuq l-ewwel eccezjoni tal-kuraturi deputati li jirrapprezetnaw il-minuri ;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet in propozitu ;

Ikkunsidrat ;

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuraturi deputati li jirrapprezentaw il-minuri, fuq indikata.

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni, qed tigi attakkata r-ritwalita' u l-validita' legali ta' l-azzjoni odjerna fuq il-bazi li "ma tistax treggi billi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba r-rikorrenti, l-omm, ghandha tkun intimata, filwaqt li t-tieni talba tmiss biss lil minuri F F, li hi ntimata."

Illi l-Qorti tosserva li l-azzjoni odjerna hija wahda mista, bazata fuq l-artikolu 77 tal-Kap.16 in kwantu ghall-ewwel talba, u fuq l-artikolu 81 et seq in kwantu ghat-tieni talba. Fl-ewwel talba l-attrici, qua omm il-minuri, qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla F mhijiex il-wild naturali ta' D E F allura mnizzel bhala l-missier legali fuq l-att tat-twelid tal-minuri ; filwaqt li fit-tieni talba l-istess omm qed titlob li l-konvenut G B jigi dikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tat-tifla.

Illi fil-gurisprudenza[3] jinsab ritenut li "‥ omm il-minuri, tista' f' isimha personali tezercita biss l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 77 li hija moghtija lil kull terz interessat sabiex tigi impunjata l-legittimita' ossia l-filjazzjoni." Omm il-minuri "ghandha interess li l-istat veru ta' bintha jigi stabbilit. L-attrici ghandha interess li r-realta' bijologika dwar il-paternita' ta' bintha tigi determinata sabiex it-tifla ma titrabbiex gewwa finzjoni legali. Dan l-interess huwa attwali u guridiku."

Minn naha l-ohra, l-azzjoni ta' filjazzjoni a tenur ta' l-artikoli 80 et seq, intiza biex tigi dikjarata gudizzjarjament il-paterninta' tal-minuri, tispetta biss lill-minuri,

Applikat il-premess ghall-kawza in disamina, il-Qorti tosserva li, filwaqt li l-ewwel parti ta' l-eccezzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-omm bhala parti nteressata setghet validament tressq l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 77, fir-rigward tat-tieni parti ta' l-eccezzjoni tosserva li din hija fondata fil-fatt u fid-dritt, stante li l-azzjoni bazata fuq it-tieni talba tispetta biss lill-minuri li fil-kawza odjerna mhijiex attrici izda hija konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar billi tilqaghha in parte, in kwantu tirrigwarda it-tieni talba, u tichadha in kwantu tirrigwarda l-ewwel talba.

Ghaldaqstant tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza, fuq l-ewwel [1] u t-tielet [3] u r-raba' [4] talba, u f' dan l-istadju, senjatament fuq it-tieni eccezzjoni[4] ta' l-istess kuraturi deputati.

L-ispejjez ta' dan il-gudizzju jibqa' a kariku ta' l-attrici.

---

[3] *App.C Carmen Zammit vs Wail Dadouch – 19.04.2005*

[4] Fol.89

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------